MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Numru 239/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**John Azzopardi ta’ 40 sena, iben Johnmary**
**u Margaret nee Apap, mwieled Qormi,**
**fil-10/09.1960, u joqghod ‘New Flats’,**
**2, Gwann Mamo St., Msida,**
**detentur tal-karta ta’ l-identita’**
**bin-numru 623760 (M).**

**Illum 4 ta’ Dicembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Azzopardi li gie akkuzat talli fis-07/04/2001 gewwa l-Hamrun, bhala l-persuna li kellu l-kontroll u pussess tal-hanut 'Movies' sitwat go High Str. Hamrun, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew ikkopja, biegh, qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew qassam xi artikoli jew xihaga ohra, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur, li jkollha persuna ohra u protetta bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi iffalsifika jew bidel minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, wkoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid. (Art 298A b Kap 9).

Fl-istess cirkostanzi xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq (Art 298 A f Kap 9).

Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli b'hekk sar jitqies recidiv ghat-tenur tal-artikolu 49 tal-Kap 9 permezz ta' sentenza moghtija fit-12/10/2000 mill-Qrati tal-Magistrati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta' l-ammissjoni registrata fis-seduta ta' l-4 ta' Settembru, tas-sena korrenti wara wkoll li rat l-atti kollha ta' din il-kawza b'mod specjali l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat John Azzopardi wara wkoll li rat l-artikoli 298B, 298A, 49 tal-Kap 9.  Qed issibu hati ta' l-istess rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9 u dwar il-piena ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.  Huwa veru li l-akkuzat ammetta dak li ammetta fl-istqarrija, daqstant iehor huwa veru ammetta fil-mori ta' din il-kawza pero' huwa daqstant iehor veru li l-akkuzat kien gie misjub hati ta' reat simili xhur qabel ma gie akkuzat bl-akkuza odjerna.  Naqas ukoll li jibbenefika mill-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152.  Ma jistax jonqos li r-reati in dizamina filwaqt li jikkreaw beneficcju pekunjarju l-agenti taghhom jaghmlu hsara kbira lid-dinja artistika.  Illi ghalhekk ghalkemm hi tal-fehma li anke minhabba dak hawn fuq premess l-akkuzat m'ghandux ibati piena karcerarja pero' minhabba s-serjeta' tal-kaz innifsu tikkundannah ghal multa ta' Lm 600 (sitt mitt lira Maltija).

Tordna wkoll il-konfiska tal-videos gia esebiti f'dan l-atti bhala Dok MM, MM1.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.